VERŻJONI ELETTRONIKA



*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,108, 21 ta' Diċembru, 2018*
*Taqsima B*

**A.L. 443 tal-2018**

## ATT DWAR L-IMPIEGI U R-RELAZZJONIJIETINDUSTRIJALI (KAP. 452)

### Ordni tal-2018 dwar *Standard* Nazzjonali ta' Żjieda fil-Paga għall-Impjegati

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 4 tal-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, il-Ministru għall-Affarijiet Ewropej u Ugwaljanza, fuq rakkomandazzjoni tal-Bord dwar ir-Relazzjonijiet dwar l-Impiegi, għamlet dan l-Ordni li ġej:-

**1.** It-titolu ta' dan l-Ordni hu l-Ordni tal-2018 dwar *Standard* Nazzjonali ta' Żjieda fil-Paga għall-Impjegati, u dan l-Ordni għandu jiġi fis-seħħ fl-1 ta' Jannar, 2019. Titolu u bidu fis-seħħ.

**2.** (1) Il-pagi ta' impjegati *whole-time* għandhom jiżdiedu b'żewġ euro u tlieta u tletin ċenteżmi (€2.33) fil-ġimgħa bħala żieda għall-għoli tal-ħajja u għandhom jiżdiedu wkoll b'euro wieħed (€1.00) fil-ġimgħa bħala suppliment mandatorju: Żjieda għall-għoli tal-ħajja.

Iżda illi l-euro wieħed (€1) fil-ġimgħa bħala suppliment mandatorju ma għandux ikun żieda addizzjonali fil-każ ta' ftehim kollettiv fejn iż-żieda tal-għoli tal-ħajja hija meqjusa bħala parti miż-żieda fil-paga maqbula b'mod ġenerali u stabbilita f'dak il-ftehim kollettiv:

Iżda wkoll f'dawk il-każijiet fejn iż-żieda tal-għoli tal-ħajja għas-sena 2019 maqbula b'mod ġenerali f'dak il-ftehim kollettiv hija anqas minn tliet euro, tlieta u tletin ċenteżmi (€3.33), għandha tingħata żieda *pro rata* tas-suppliment mandatorju biex jintlaħaq l-*aggregate* stabbilit f'dan is-subartikolu.

(2) Ir-rata fis-siegħa ta' impjegati *part-time* għandha tiżdied bl-istess ammont taż-żjieda fir-rata fis-siegħa ta' impjegat *whole-time* komparabbli, ikkalkulata wara li jiġu inklużi ż-żidiet fil-ġimgħa speċifikati fis-subartikolu (1), jew fil-każijiet fejn ma jkun hemm ebda kategorija komparabbli ta' impjegati *whole-time* fil-post tax-xogħol, bir-rata fis-siegħa ta' impjegat *whole-time* komparabbli f'Ordni tal-Kunsill tal-Pagi li Jirregola l-Pagi li jkun japplika, jew fejn ma jkunx hemm Ordni tal-Kunsill tal-Pagi li Jirregola l-Pagi li jkun japplika, b'wieħed minn kull erbgħin ($^1/_{40}$) tar-rata ta' żidiet kif speċifikati fis-subartikolu (1).